# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti tad-Disgha u Tletin laqgha tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgha 23 ta' Lulju 2014 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Hamsa w nofs ta' filghaxija (5.15pm)*

## ***Preżenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Vici Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tmienja u Tletin Laqgha tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgha 25 ta' Ġunju 2014*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija s-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikat mis-Sindku*

3.1 Ma kien hemm l'ebda komunikazzjoni mis- Sindku.

## 4. *Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mis-26 ta' Ġunju sat-23 ta'Lulju 2014.*

4.1 Rigward ir-risposta mit-Transport Malta dwar il-proposta tal-Kunsill fuq Triq il-Marsa fejn ma ġietx ikkonsidrata favorevolment. is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li tintbagħat ittra legali mill- Avukat tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ma jkunx responsabbli jekk kemm il-darba jsir xi aċċident f'din it-triq minħabba n-nuqqas ta' approvazzjoni li ssir central strip f'din it-triq sabiex isir devjazzjoni tat-traffiku. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.2 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova li jagħti servizz lill-Marsa Scouts Group waqt il-parteċipazzjoni tagħhom fil-Walled City Tattoo bil-kundizzjoni li ssir l-arma tal-Kunsill għas-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250). Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.3 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova servizz ta' reklamar fuq il-kalendarju tas-Soċjeta' Mużikali Banda Marija Regina għas-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250). Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.4 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill risposta ta' transport Malta li it-talba tal-Kunsill sabiex Triq Diċembru 13 issir aċċessibbli għar-residenti ta' Triq Fra Diegu u Triq Sajjieda ma ġietx milqugħa favorevolment u dan wara wkoll li l-Kunsill kien kemm il-darba talab waqt il-kostruzzjoni tal-proġett ta' Triq Diċembru sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji biex dawn ir-residenti jkollhom aċċessibilta' aħjar meta jaqsmu sabiex imorru fiż-żona ta' Triq Zerafa. Dak iż-żmien dawn l-arranġamenti ma seħħux u issa formalment ukoll Transport Malta ċaħdet il-proposta tal-Kunsill. Il-Kunsill jikkundanna dan l-aġir minn din l-Awtorita' għan-nuqqas ta' sensittivita' lejn il-ħtiġijiet tar-residenti f'din iż-żona.

4.5 Rigward ittra mingħand l-Assoċjazzjoni dwar permess għall-mwejjed u siġġijiet quddiem Triton Snack Bar fi Triq Spencer is-Sindku talab li bl-istess mod jikteb lill-Awtoritajiet responsabbli jekk dawn għandhom permessi relatati għax din mhiex kompetenza tal-Kunsill. Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 5. *Schedule of Payments 07/2014*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il- kontijiet s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 6. Purchase Order 3828 - 3837

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3828 sa 3837 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. Purchase Request 2813 – 2823

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2813 sa 2823 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. Financial Commitment Report April – June 2014

8.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega dan ir-rapport. Is-Segretarju ta' spjega fid-dettall u esiġa li l-Kunsill jibqa' jimxi skond l-Estimi Annwali li kien ġie ipproġettat għal din is-sena u ma jagħmilx varjazzjonijiet mill-vot finanzjarju li kien stmat u dan invista tar-responsabbilta' tal-commitment li l-Kunsill għandu kemm biex jħallas id-dejn fuq il-Bini tal-Kunsill kif ukoll fuq it-Toroq ta' Triq Zerafa u Triq Isouard. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu kummenti jew mistoqsijiet fuq ir-rapport kif ipprezentat is-Sindku talab l-approvazzjoni tiegħu . Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

Is-Sur Noel Scerri daħal fis-sala fil-ħamsa w nofs u ħamsa ta' filgħaxija (5.35pm).

## 9. Deċiżjoni fuq Tender Klm02/14 – Provision of Health Insurance Scheme.

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-unika offerta li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kumpanija Medirettanean Insurance Brokers għas-somma ta' erbat elef tlett mija tmienja u tmenin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€4.388.33). Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaċċetta din l-offerta. Is-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

Is-Sur Dominic Spencer daħal fis-sala fis-sitta nieqes kwart ta' filgħaxija (5.45pm)

## 10. Żjara mis-Sindku ta' Bridgwater f'Settembru 2014.

10.1Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab trasferiment ta' dan is-suġġett sabiex il-Kunsill ikollhu aktar informazzjoni dwar iż-żjara tas-Sindku ta' Bridgwater. Is-Sur Dominic Spencer issekonda Il-Vot kien unanimu.

## *11. Attivita' Kulturali f'Novembru.*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-intervent tas-Sur Dominic Spencer fuq dan is-suġġett. Il-Kunsillier Spencer qal li fuq is-success tas-sena l-oħra hu jipproponi li din l-attivita' li ser tkun b'differenza għax ser jkollha t-tema ta' "Halloween għall-kenn tal-Port fil-Menqa" għandha terġa ssir. Hu talab li l-Kunsill jikkonsidra jivvota aktar fondi għal din l-attivita' invista li l-ispiża s-sena l-oħra laħqet is-somma ta' aktar minn ħamsa w għoxrin elf ewro (€25,000). Hu qal li bis-somma vvotata fl-Estimi għal din is-sena li tilħaq is-somma ta' tlett elef ewro (€3000) u elfejn ewro (€2000) mis-Segretarju Parlamentari għal Kultura u Kunsilli Lokali, tali attivita' mhiex possibbli li tittella', meta kompla jgħid is-Sur Spencer is-somma li ntefqet fuq is-sound biss kienet tlaħħaq l-ispiża ta' mhux anqas minn elf u tmien mitt ewro (€1,800). Wara diskussjoni fit-tul dwar dan is-suġġett fejn is-Segretarju widdeb lill-Kunsill li kif kien qal is-sena l-oħra l-ispiża ta' ħamsa u għoxrin elf (€25000) ma tistax tiġi kkunsidrata li tintnefaq mill-Kunsill u dan minħabba commitment li l-Kunsill tiġa daħal għalihom fosthom il-Bini l-Ġdid u Triq Isouard u Triq Zerafa, kif ukoll aċċenna d-diskors tiegħu waqt id-diskussjoni fuq is-suġġett li ġie diskuss fuq din l-Agenda wkoll dwar il-Financial Commitment Report April – Ġunju fejn hawnhekk is-Segretarju wkoll irrimarka li l-Amministrazzjoni qed tagħmel ukoll tajjeb billi naqset l-ispejjeż tagħha kif ukoll ir-risorsi tagħha biex jgħin f'din il-missjoni. Filwaqt li kull membru kien favur li ssir din l-attivita', kull membru wkoll ma riedx inaqqas xi proġett li l-Kunsill approva sabiex jagħmel tajjeb għall-ispiża ta' din l-attivita' li qed tiġi stmata li tilħaq is-somma ta' ħamsa w għoxrin elf ewro (€25000) sabiex tkun ta' l-istess kalibru tas-sena l-oħra.

11.2 Wara diskussjoni aktar fit-tul is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob l-għajnuna finanzjarja kemm lill-kuntratturi li jagħtu servizz mill-Lokalita', kemm lill- kumpaniji li joperaw mill-Lokalita' kif ukoll il-Ministeru għal Ġustizzja. Kultura u Gvern Lokali sabiex jerġa jgħin finanzjarjament biex il-Kunsill ikun jista' jtella' tali Attivita' invista li s-sena l-oħra s-Segretarjat Parlamentari tal-Kultura mmexxi mill-Onor Jose' Herrera kien ta' għajnuna mprezzabbli biex il-Kunsill kien jista' jtella' tali attivita' ta' dak il-livell. Madanakollu s-Sindku talab li l-Kunsill japprova li apparti l-ħames t'elef ewro (€5000) ivvotati fl-Estimi tal-Kunsill, li jikkonsistu fi tlett elef ewro (€3000) mill-fond tal-Kunsill u elfejn ewro (€2000) mill-Gvern Ċentrali, il-Kunsill għandu japprova żieda ta' ħamest elef ewro oħra (€5000) jiġifieri l-Kunsill ser ikun qed joħroġ l-ispiża ta' tmien t'elef ewro (€8000) għal din l-attivita' kulturali . Is-Sur Noel Scerri u l-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi wrew id-diżapprovazzjoni tagħhom u dan invista tal-commitment li l-Kunsill għandu u sabiex tiġi ssalvagwardjata r-riserva li l-Kunsill għandu fuq il-Bini kif spjegat mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku talab sekondant għal din il-mozzjoni. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien ħamsa favur u tnejn kontra.

## *12. Ħruġ ta' Sejħa għal Persuni jew Kumpaniji fuq EU Funding .*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li tinħareġ is-sejħa għal dan is-servizz liema spejjeż jiġu koperti mill-fondi li l-Kunsill jirċievi mill-Unjoni Ewropea. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *13. Xiri ta' Dawl*

13.1 Is-Sindku talab li dan is-suġġett ma jiġhix diskuss f'din is-seduta. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *14. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera.*

14.1 Ħadd mill-Kunsilliera ma ressaq xi mistoqsijiet.

## *15. Aġġornament tal-Laqgħa*

15.1 Ġie deċiż li jekk ikun possibbli l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 6 t'Awissu fil-ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa ta' filgħaxija (7.00pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv